# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Network Dinji ta' Talb mal-Papa
MALTA

Jannar 2019

Merħba! Il-Papa jistieden lil bnedmin ta' rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu:
**Biex iż-żgħażagħ, speċjalment fl-Amerika Latina, jimxu fuq l-eżempju ta' Marija u jwieġbu għas-sejħa tal-Mulej biex iwasslu l-ferħ tal-Vanġelu lid-dinja.**

**Ninġabar:**

Infittex pożizzjoni komda u nwarrab minn quddiem għajnejja l-inkwiet u l-pre-okkupazzjonijiet ta' matul il-jum ħalli nkun nista' ngawdi l-preżenza tal-Mulej.

**Fatt ċkejken:**



Franco twieled l-Arġentina u kien ilu jesperimenta bid-drogi minn meta kellu tnax-il sena, bejn għax qabditu l-kurżità u bejn għax beda jagħmilha ma' ħbieb tal-qatgħa tiegħu. Din hi storja komuni fl-Amerika t'isfel fejn ħafna żgħażagħ jispiċċaw vittmi tad-droga. Franco ddeċieda li jibdel ħajtu u għalhekk telaq lejn l-Urugwaj biex jibda l-ħajja mill-ġdid. Iżda lanqas laħqu għaddew ħmistax mill-wasla tiegħu hemmhekk, meta d-Dwana tal-Urugwaj interċettat pakkett bil-pilloli tal-ecstacy li Franco kien imposta lilu nnifsu qabel telaq mill-Arġentina.

Waqt li kien qed jistenna li jintbagħat il-ħabs, hu ċempel lill-ħabiba tiegħu fl-Arġentina li wegħditu li titlob għalih u ssuġġerietlu li jagħmel l-istess. Franco ma tantx kien konvint imma ddeċieda li jipprova. Niżel għarkupptejh ħdejn is-sodda u qal: "Jien ma nemminx li jeżisti Alla, imma jekk teżisti tassew, urini u jien nemmen fik."

Waqt li kien barra fuq pleġġ, iltaqa ma' żewġ hitchhikers nisa u minn hemm l-affarijiet inbiddlu mil-lejl għan-nhar. Huma ħaduh magħhom jiekol, imbagħad il-knisja u stiednuh biex jibda joqgħod magħhom. "Hemmhekk bdejt qisni niċċaqlaq għax ma stajtx nifhem għala żewġ stranġieri kellhom jagħmlu hekk!" Franco qal li reġa skopra l-fidi u l-bidla seħħet malajr. F'daqqa waħda tilef kull interess fid-droga. Hu rema d-droga li kien fadallu fil-baħar. Franco beda jaħdem ma' dawk li kienu vittmi tad-droga u tax-xorb, fejn l-esperjenza tiegħu għenitu biex ikun jista' jgħin lill-oħrajn biex jieqfu mill-vizzju.

**Naħseb ftit:**

Jien b'saħħti biżżejjed biex nieqaf minn dak li nkun qed nagħmel jekk inkun naf li ma nkunx qed nogħġob lil Ġesù? Nafda li l-Mulej ikun miegħi matul it-triq... u jerfagħni kull darba li nipprova nerġa' ndur lejh?

**Nitlob:**

Mulej Ġesù, nitolbok sabiex iż-żgħażagħ jgħixu ħajjithom għas-servizz tal-oħrajn u b'hekk ikunu xhieda tal-ferħ tal-Vanġelu fid-dinja u juru l-imħabba li l-Mulej għandu għalina lkoll.

**Kliem ta' dawl:**

Meta ddur lejn Alla tiskopri li Hu kien qed iħares lejk il-ħin kollu. *Zig Ziglar*

**X'nista' nagħmel:**

Inħares lejn ħajti u ninnota dawk is-sitwazzjonijiet fil-ħajja tiegħi li jien m'iniex komdu bihom. Nitlob lil Ġesù biex jiggwidani u nirrispondi għas-sejħa tiegħu u nikkomunika l-ferħ tal-Vanġelu fil-ħajja tiegħi ta' kuljum billi ngħin lil ħaddieħor.